

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 362

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

12 ta' Ottubru 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (EURATOM) 2021/1802 tal-10 ta' Ġunju 2021 skont l-Artikolu 83 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika — Sommarju tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Deċiżjoni jinsab hawn taħt, mingħajr preġudizzju għall-effett sħiħ tad-Deċiżjoni nnifisha (notifikata fid-dokument numru C(2021) 3889) ..... 1
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1803 tat-8 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokatil lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali (notifikata bid-dokument C(2021) 7330) ..... 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (EURATOM) 2021/1802

tal-10 ta' Ġunju 2021

**skont l-Artikolu 83 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika —  
Sommarju tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Deċiżjoni jnsab hawn taħt, mingħajr preġudizzju għall-  
effett sħiħ tad-Deċiżjoni nnifisha**

(notifikata fid-dokument numru C(2021) 3889)

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata liċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka Nukleari (Istituto Superior Técnico, Campus Tecnológico e Nuclear – CTN, il-Portugall) u ġiet notifikata lis-CTN fl-10 ta' Ġunju 2021.

*Artikolu 1*

1. Iċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka Nukleari (Istituto Superior Técnico, Campus Tecnológico e Nuclear – CTN) kiser id-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 78 tat-Trattat Euratom u tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom <sup>(1)</sup> meta ma kkomunikax fil-ħin lill-Kummissjoni d-dikjarazzjoni korretta u sħiħa tal-karatteristiċi tekniċi bażiċi.
2. Iċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka Nukleari (Istituto Superior Técnico, Campus Tecnológico e Nuclear – CTN) kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 79 tat-Trattat Euratom u tal-Artikoli 7, 8 u 9 tar-Regolament (Euratom) Nru 302/2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom meta naqas milli jwaqqaf u jħaddem sistema affidabbli tal-akkontabbiltà li kapaċi tirrapporta inventarju sħiħ tal-materjali nukleari.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni toħroġ twissija liċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka Nukleari (Istituto Superior Técnico, Campus Tecnológico e Nuclear – CTN).
2. It-twissija hija imposta bil-fehim li n-nuqqasijiet elenkati fl-Artikolu 1 jġu rettifikati malajr kemm jista' jkun.
3. Abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 3 l-verifiki tagħha stess, il-Kummissjoni se tivvaluta l-konformità tas-CTN mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2.

*Artikolu 3*

Is-CTN għandu jipprovdi rapport lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mid-data ta' din id-Deċiżjoni, li jiddeskrivi l-miżuri meħuda biex jġu rettifikati n-nuqqasijiet elenkati fl-Artikolu 1. Is-CTN għandu jwettaq miżuri biex jeskludi okkorrenzi simili fil-futur.

<sup>(1)</sup> ĠU L 5, 28.2.2005, p. 1.

*Artikolu 4*

1. Din id-Deċiżjoni hija indirizzata liċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka Nukleari (Instituto Superior Técnico, Campus Tecnológico e Nuclear – CTN, il-Portugall).
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi kkomunikata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2021.

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1803****tat-8 ta' Ottubru 2021****li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokatil lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali***(notifikata bid-dokument C(2021) 7330)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi stabbilit il-qafas finanzjarju għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-ammonti proviżorji allokatil lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755, kif ukoll l-ammont minimu ta' riżorsi li għandhom jintefqu f'konformità mal-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni, l-ammonti proviżorji globali allokatil lil kull Stat Membru għandhom jingħataw fi prezzijiet attwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti proviżorji allokatil lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ li għandu jintefaq skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/1755, huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
Elisa FERREIRA  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.

## ANNEX

**Ammonti proviżorji allokatil lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali, fi prezzijiet attwali (EUR)**

Stat Membru	Ammont relatat mal-fatturi msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755			Allokazzjoni proviżorja totali	Ammont minimu li għandu jintefaġ skont l-Artikolu 4(4) għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali
	Kummerċ fi prodotti u servizzi mar-Renju Unit	Ħut maqbud fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Renju Unit	Reġjuni tal-fruntieri marittimi mar-Renju Unit		
BE - il-Belġju	316 706 222	57 189 523	12 678 212	386 573 957	27 060 177
BG - il-Bulgarija	15 372 864			15 372 864	
CZ - iċ-Ċekja	54 918 029			54 918 029	
DK - id-Danimarka	117 758 311	157 240 967		274 999 278	19 249 949
DE - il-Ġermanja	601 249 670	45 350 387		646 600 057	22 675 194
EE - l-Estonja	6 615 616			6 615 616	
IE - l-Irlanda	981 398 620	111 246 161	72 557 344	1 165 202 125	55 623 080
EL - il-Greċja	38 631 153			38 631 153	
ES - Spanja	268 490 849	3 956 201		272 447 050	
FR - Franza	451 211 542	132 283 310	152 056 411	735 551 263	51 488 588
HR - il-Kroazja	7 190 532			7 190 532	
IT - L-Italja	146 769 412			146 769 412	
CY - Ċipru	52 056 350			52 056 350	
LV - il-Latvja	10 946 343			10 946 343	
LT - il-Litwanja	12 154 122	30 451		12 184 573	
LU - il-Lussemburgu	128 475 124			128 475 124	
HU - l-Ungerija	57 157 852			57 157 852	
MT - F'Malta	44 322 261			44 322 261	
NL - in-Netherlands	710 099 858	139 984 996	36 229 783	886 314 637	62 042 025
AT - l-Awstrija	27 711 512			27 711 512	
PL - il-Polonja	172 161 964	1 471 297		173 633 261	
PT - il-Portugall	81 358 331	28		81 358 359	
RO - ir-Rumanija	43 162 623			43 162 623	
SI - is-Slovenja	5 257 380			5 257 380	
SK - is-Slovakkja	36 307 747			36 307 747	
FI - il-Finlandja	23 242 037			23 242 037	
SE - l-Iżvezja	129 734 726	7 698 879		137 433 605	
<b>Total UE27</b>	<b>4 540 461 050</b>	<b>656 452 200</b>	<b>273 521 750</b>	<b>5 470 435 000</b>	<b>238 139 013</b>



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)